**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA'GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 17 ta' Lulju 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfredo Mangion)**

**vs**

**James Demanuele**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet, migjuba kontra:

**James Demanuele** iben Felix u Rose xebba Camilleri, mwieled il-Pieta nhar l-4 t' April 1974, residenti gewwa 196, Triq Santa Katerina, H'Attard u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 235374M.

Akkuzat talli nhar l-24 t'Ottubru 2019 u fil-jiem u l-granet ta' qabel gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer:

1. Bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Carmen Agius (ID 45466M), persuna li kienet is-siehba tieghu, tibza li se tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra il-propjeta taghha, jew kontra il-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa

jew familjari ohra taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 251B (1) u l-Artikolu 251H(a)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Bl-imgieba tieghu, gab ruhu b'tali mod li ta' fastidju lil Carmen Agius (ID45466M), persuna li kienet is-siehba tieghu, u b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li dak li ghamel kien ta' fastidju ghal Carmen Agius (ID45466M) u dan bi ksur tal-Artikolu 251A(1)(a)(b) u l-Artikolu 251H (a)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Insulenta, hedded bil-mewt jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Carmen Agius (ID45466M) u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadan, jew bil-hsieb li jgieghel lil Carmen Agius (ID45466M) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra taghha, jew biex immalafama lil Carmen Agius (ID45466M) jew xi persuni ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kap.339 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Onor.Imhallef Dr Michael Mallia LL.D nhar is-6 ta' Lulju 2012, liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mibdula ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D nhar is-7 ta' Frar 2013, liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mibdula ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

7. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex, preseduta mill-Magistrat Dr. J. Mifsud LL.D nhar it-22 ta' Novembru 2016, liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mibdula ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Carmen Agius u r-residenza taghha kif ukoll il-postijiet li t-tali persuna tiffrekwenta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali, ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali[1], sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. Fl-24 ta' Ottubru 2020, Claire Pulis u ommha Carmen Aguis ghamlu rapport mal-Pulizija li l-imputat u Carmen Aguis kienu ghadhom kif temmew relazzjoni bejniethom, u l-imputat beda jhedded permezz ta' messaggi bil-mobile lil Carmen Aguis.
2. Fuq il-mobile ta' Carmen Aguis kien hemm numru ta' messaggi li kien fihom diversi theddid serju, fosthom li l-imputat kien se jpattihilha u kien lest ukoll li jtiha daqqiet ta' sikkina.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-Qorti tibda biex tghid li l-allegati reati li bihom l-imputat hu mixli f'dawn il-proceduri allegatament saru *"fl-24 ta' Ottubru 2019 u fil-jiem u granet ta' qabel".* L-imputat instab

[1] Ara Dok.AM5 a fol. 41 tal-process.

hati ta' reati simili ghal dawk odjerni fil-konfront ta' Carmen Agius b'sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, deciza fil-15 ta' Jannar 2020. Pero din is-sentenza, tirrigwarda reati li l-imputat ikkommetta *"fis-16 ta' Settembru 2019"*[2] u ghalhekk m'ghandhomx x'jaqsmu xejn mal-mertu ta' dawn il-proceduri. Huwa vera li fix-xhieda taghhom, Carmen Aguis u t-tifla taghha irriferew ghall-incident tas-16 ta' Settembru 2019, pero din il-Qorti sejra sempliciment tiskarta dawn il-partijiet tax-xhieda, ghax mhux biss il-mertu ta' dan l-incident gie deciz, pero huwa wkoll irrelevanti ghal dawn il-proceduri li jikkoncernaw biss reati li allegatament sehhew fl-24 ta' Ottubru 2019 u fil-jiem u granet ta' qabel. Din id-dicitura fic-citazzjoni ma testendix ghal reati li setghu graw fis-16 ta' Settembru 2019.

Ghalhekk, safejn is-sottomissjonijiet tad-difiza, jistghu jinftehmu li qieghda tissolleva l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem*, din is-sottomissjoni hija infondata, u qieghda tigi michuda.

Mill-provi jirrizulta li Carmen Aguis u l-imputat kellhom relazzjoni qasira bejniethom, pero hemm divergenza ta' kemm damet din ir-relazzjoni, imma huwa pacifiku bejn il-partijiet li huma qatt ma ghexu flimkien. Skond ix-xhieda ta' Carmen Aguis, huma kienu ilu johorgu flimkien xi tlieta jew erba' xhur, u waqfu johorgu flimkien cirka l-ahhar gimgha ta' Settembru 2019. Min-naha l-ohra, l-imputat jghid, kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll fix-xhieda tieghu li kienu johorgu flimkien bhala koppja minn cirka Mejju sas-17 ta' Ottubru 2019, ghalkemm jammetti li wara l-ewwel xaharejn beda jkollhom il-problemi ghax beda jissuspetta li kienet tiffrekwenta `irgiel ohra, u infirdu kemm il-darba, pero regghu irrikonciljaw, sakemm fl-ahhar infirdu definittivament. L-imputat jghid ukoll li kien ikollhom relazzjonijiet sesswali.

Ghalhekk, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, minkejja iz-zmien qasir li Aguis u l-imputat ghamlu flimkien, Aguis taqa' fid-definizzjoni ta' "siehba" ai termini tal-Artikolu 251H(a) tal-Kodici Kriminali, stante li dan l-artikolu la jippreskrivi terminu minimu ta' kemm ghandha ddum relazzjoni bejn koppja, u lanqas jippreskrivi li biex tikkwalifika bhala "siehba" il-koppja jridu bil-fors jghixu flimkien.

Minn ezami tac-CD li fiha l-kontenut tal-mobile ta' Aguis[3] jirrizulta li bejn l-20 u t-23 ta' Ottubru 2019, jirrizulta li din irceviet numru konsiderevoli ta' messaggi mill-mobile li jgib

---

[2] Ara fol. 274 tal-process.
[3] Ara Dok AM 6 a fol. 151 tal-process.

in-numru 9957 8043, li fil-maggoranza assoluta taghhom huma ta' theddid, anke ta' theddid li taqla' daqqiet ta' sikkina.

Is-sottomissjoni principali tad-difiza hija li imkien mill-atti processwali ma rrizulta illi dan in-numru li jidher fl-estratti esebiti fl-atti processwali huwa proprju in-numru tal-imputat. Id-difiza donna insiet li:

1. Mis-CD li fiha l-kontenut tal-mobile ta' Aguis, jirrizulta li n-numru li minnhom intbaghtu dawn il-messaggi huwa mnizzel li jappartjeni lil *contact person* bl-isem "James", u fil-*contact list* tal-imputata hemm imnizzla persuna wahda bl-isem "James", li ghandha n-numru li minnu intbaghtu dawn il-messaggi.

2. L-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Alfredo Mangion xehed hekk: *"Nikkonferma wkoll lil-mobile kemm tas-Sur Demanuele u kemm tas-Sinjura Carmen Aguis ghaddew lili u dawn gew mghoddija lit-taqsima forensika ghall-extraction li iktar 'il quddiem jigu ipprezentati hawnhekk."*[4] Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ukoll jghid li ghadda l-mobile tieghu lill-Pulizija.[5] Fil-fatt PS 422 Neil Caruana ipprezenta rapport b'CD annessa mieghu li fih hemm il-kontenut ta' mobile phone u SIM card bin-numru 9957 8043.[6] In oltre, waqt ix-xhieda ta' PS 422 Neil Caruana, l-Ufficjal Prosekutur gie regisrat jghid hekk: *"Dawk* [il-mobile u s-SIM card] *huwa … … tal-mobile tieghu, tax-xoghol li sar fuq il-mobile tieghu* [i.e. tal-imputat]. Tas-Sinjura [i.e. Carmen Agius] ha nipprezentahom jiena. U meta PA 422 gie mistoqsi minn din il-Qorti biex jikkjarifika li hadem fuq il-mobile tal-imputat, huwa wiegeb fl-affermattiv.[7]

3. Ic-CD ezebita minn PS 422 Neil Caruana fiha numru ta' messaggi ta' theddid mibghuta fuq in-numru tal-mobile ta' Aguis, u fil-fatt huma identici ghal dawk li nstabu fuq il-mobile ta' Aguis.[8]

Ghaldaqstant, din il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-messaggi ta' theddid in kwistjoni intbaghtu mill-imputat.

[4] Ara fol. 109 tal-process.
[5] Ara fol. 56 tal-process.
[6] Ara x-xhieda ta' PS 422 Neil Caruana u r-rapport tieghu a fol. 131 sa 140 tal-process.
[7] Ara fol. 132 tal-process.
[8] Ara Dok AM 6 a fol. 151 tal-process.

Mill-provi jirrizulta li fl-20 ta' Ottubru 2019, l-imputat baghat lil Aguis sittax (16)-il messagg – fil-bidu biex jikkonvinciha biex tirrispondi l-mobile u tkellmu, pero mbaghad jiehdu ton aggressiv u minaccanti.

Fil-21 ta' Ottubru 2019, l-imputat baghtilha biss tlett (3) messaggi fejn talabha skuza, qalilha li ma jergghax iweggaghha u li bi hsiebu jibdel hajtu.

Fit-23 ta' Ottubru 2019, l-imputat baghtilha tlieta u ghoxrin (23) messagg, fejn biddel kompletament l-atteggament tieghu, u apparti tghajjir, huma kwazi kollha ta' theddid li jikkommetti vjolenza fizika fuqha anke b'sikkina.

Id-difiza tissottometti li l-imputat ma kellhux l-intenzjoni li jbezza jew jhedded lil Aguis meta baghat il-messaggi, izda baghathom ghax kien imwegga ghal mod ta' kif allegatament trattawh Aguis u bintha, u konsegwenza ta' din il-weggha huwa rega' waqa' lura fil-vizzju tax-xorb.

*Dato ma non concesso* li Aguis ittrattat lill-imputat hazin, u kienet qed tinkieh b'irgiel ohra – allegazzjoni li ma gietx debitament ippruvata mill-imputat, il-ligi taghna ma tatix lok ghall-iskuzanti tal-provokazzjoni f'kull reat – din l-iskuzanti tista' tigi eccepita biss meta hija specifikatament kontemplata bil-ligi.[9] Din l-iskuzanti mhix wahda minn dawk kontemplati fl-Artikoli 251B tal-Kodici Kriminali.

Rigward is-sokor, il-ligi in materja hija cara: is-sokor ma jistghax jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali hlief fil-kazijiet ikkontemplati fis-subartikoli (2) u (4) tal-Artikolu 34 tal-Kodici Kriminali. La fl-istqarrija u lanqas waqt ix-xhieda tieghu, l-imputat qatt ma allega li meta kiteb dawk il-messaggi kien jezistu c-cirkostanzi kontemplati f'dawn iz-zewg artikoli. Anzi fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li hu ma kienx jixrob kuljum. Mill-mod ta' kif inhuma miktuba l-messaggi, b'mod car u koerenti, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-imputat kien fil-kontroll shih tas-setghat tieghu intellattwali u volittivi meta kiteb dawn il-messaggi.

[9] Ara **Il-Pulizija vs Paul Mifsud et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) (*per* Imhallef Carmel Aguis) fis-27 ta' Settembru 1985.

Id-difiza targumenta li r-rekwizit tal-biza' ma giex ippruvat ghax il-parte civile qatt ma biddlet in-numru tal-mobile taghha, jew tibblokkja lil James Demanuele minn fuq il-mobile taghha . Apparti li mix-xhieda ta' Aguis, li huwa pacifiku li hija bniedma illiterata, jirrizulta li hi lanqas kienet taf b'dawn il-possibilitajiet, certament mhux accettabbli li jigi argumentat li jekk persuna tkun qieghda tircievi messaggi jew telefonati ta' theddid, hija ghandha l-obbligu li tbiddel in-numru tal-mobile taghha, bl-inkonvenjenzi kollha li dan igib mieghu. Aguis xehdet li hi ma kienitx twiegeb it-telefonati li kien jaghmlilha l-imputat, u dan hu konfermat minn diversi messaggi stess tal-imputat, fejn johodha bil-hlewwa biex twiegeb il-mobile u tkellmu.

Apparti tghajjir sfrenat, il-messaggi in kwistjoni jikkontjenu kliem "inpattielek", "bis-sikkina ntik" u "ghada msarnek barra". Dan il-kliem isir iktar allarmanti meta wiehed jkun jaf, kif kienet taf Aguis, li l-imputat gie kkundannat li kkaguna feriti fuq l-ex mara tieghu. Ghalhekk persuna ragonevoli, li jircievi ghexieren ta' messaggi bhal dawn fi spazju ta' jumejn, huwa gustifikat li jahseb li jibza' li se tintuza vjolenza kontrih. Dan japplika iktar u iktar, jekk dak il-bniedem ikun jaf l-antecedenti kriminali tal-imputat.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tikkonkludi li l-ewwel, t-tielet u r-raba' imputazzjonijiet gew debitament ippruvati.

It-tieni imputazzjoni, cioe dik li ta' fastidju lil Aguis, hija alternattiva ghall-ewwel wahda, u ghaldaqstant il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Il-hames, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet, cioe dawk relatati mal-addebitu tar-recidiva, gew debitament ippruvati bis-sentenzi ezebiti mill-Prosekuzzjoni.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ghandu fedina penali raffrettarja li fiha xejn inqas min 45 faccata. Mal-ewwel daqqa' t'ghajn ta' din il-fedina penali, mal-ewwel johrog illi l-imputat huwa bniedem aggressiv u vjolenti, b'sensiela twila ta' vjolenza, theddid u aggressjoni fil-konfront ta' terzi, u persentagg qawwi taghhom huma reati ta' vjolenza domestika kontra l-ex siehba tieghu.

Huwa inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati biex jirriforma ruhu u jitbieghed mit-triq tal-kriminalita fosthom ordnijiet ta' probation, diversi sentenzi sospizi u ordni ta' trattament ghal vizzju tax-xorb, li ghandu. Pero jidher li l-imputat ma jridx jirriforma ruhu. Infatti huwa sinifikattiv li hu ikkommetta dawn ir-reati, waqt li kellu pendenti kontrieh proceduri kriminali ghal reati simili ghal dawk odjerni kontra l-istess parte civile.

Huwa vera li mix-xhieda tar-rapprezentant tas-Sedqa jidher li l-imputat kien beda biex jistabilizza xi ftit hajtu, qabel beda johrog mal-parte civile, pero mal-ewwel intopp, minflok fittex l-ghajnuna, malajr rega' lura ghal hajja raffrettarja tieghu.

In oltre, r-reati li bihom l-imputat instab hati f'dawn il-proceduri huma ta' natura ta' vjolenza domestika, li certament m'ghandhomx jigu tollerati f'socjeta civili.

Hija ikkunsidrat ukoll li ghal fini ta' piena t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwwel wahda stante li hija alternattiva ghaliha.

It-tielet u r-raba' imputazzjonijiet huma assorbiti fl-ewwel wahda, jew skondi r-regoli tal-konkors tar-reati u pieni, jew bl-applikazzjoni tal-konkors formali jew ideali tar-reati.

Il-piena ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali fiz-zmien li fih sehh ir-reat de quo – cioe qabel id-dhul fis-sehh tal-Att III tal-2020 - kienet wahda karcerarja minn tlett xhur sa sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Din il-piena trid tizdied bi grad jew tnejn ai termini tal-Artikolu 251H(a) u (b), stante li r-reat gie kommess fuq l-ex siehba tal-imputat u r-reat twettaq repetutament.

In oltre, il-piena ghandha tizdied bi grad iehor stante li gie debitament ippruvat li l-imputat hu recidiv.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tichad l-eccezzjoni tad-difiza tan-ne bis in idem;

2. Wara li rat l-Artikoli 251B(1), 251H(a)(b), 339(1)(e), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba; il-hames, is-sitta u s-seba' imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghal piena ta' sena prigunerija, li minnha ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss ma' dawn ir-reati.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, stante li din hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

4. Ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Carmen Aguis, qieghda torbot lill-hati ghal zmien sena (1) mil-lum b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' elfejn Euro (€2000.00).

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**